Ħarġa numru 8: Mejju, 2013



# il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

Ikun hemm drabi meta nkun se ninħakem minn pessimiżmu kbir u nibda ngħid kemm pajjiżna jagħti ftit importanza lill-qasam tal-letteratura. Dan il-ħsieb reġa' għadda minn moħħi meta ftit jiem ilu kont qed nara programm fuq wieħed mill-kanali televiżivi tar-RAI ddedikat kollu kemm hu lill-kotba. Kien f'għamla ta' kwiżż u l-parteċipanti kienu kollha żgħażagħ. Kienu qed jiġu mistoqsija dwar kittieba, ġeneri letterarji u kotba kemm Taljani kif ukoll internazzjonali. Rajt fihom ħeġġa u interess kbir fil-qasam u l-premji kienu proprju kotba stess. Waqt il-programm kellhom anki l-opportunità li jiltaqgħu u jitkellmu ma' kittieba mistednin. Sadanittant jiena bdejt nistaqsi lili nnifsi, imma għaliex aħna m'għandniex programmi bħal dawn? U kemm naraw kittieba Maltin fuq it-televiżjoni Maltija?

Min-naħa l-oħra l-pessimiżmu li xi drabi jkun se jaħkimni jgħib kollu kemm hu meta nara kemm attivitajiet qed jiġu mtellgħin minn entitajiet differenti f'rabta ma' letteratura, kittieba u kotba. Dwar dan biżżejjed wieħed jagħti daqqa t'għajn lejn iż-żewġ paġni tal-aħbarijiet f'din l-istess rivista.

Ftit snin ilu d-Dipartiment tal-Librerija kien qed ilaqqa' lill-pubbliku ma' numru ta' kittieba lokali fil-Librerija Pubblika ta' Beltissebħ, u dan kien fuq bażi regolari. Nistaqsi x'seħħ minn inizzjattiva sabiħa bħal din? U dan qed ngħidu għax jiena stess ftit ilu kelli l-opportunità nitkellem dwar ktieb ta' rakkonti tiegħi ma' għadd ta' qarrejja żgħażagħ ġo skola tal-Knisja lokali. Ħassejt li l-interess kien kbir tassew. Nafu li l-opportunità li t-tfal u ż-żgħażagħ jiltaqgħu ma' bosta kittieba tgħin biex tinxtered l-imħabba għall-ktieb u għall-qari. Dan iservi biss ta' ġid kemm għall-individwu, kif ukoll għall-qasam tal-ktieb lokali fuq kollox.

Ta' min ifakkar ukoll li hemm ħafna iktar kittieba Maltin minn dawk li jidhru fil-wiċċ, daqskemm nemmen li hemm parti sostanzjali ta' letteratura Maltija validissima li għadha ma' ħarġitx għad-dawl jew li jekk ħarġet fil-ftuħ ma ngħatatx l-importanza mistħoqqa għax ma sabitx il-kanali adattati bħalma sabu xogħlijiet forsi inqas validi. L-awtoritajiet ikkonċernati għandhom ifittxu din il-letteratura moħbija għal xi rfaġuni jew oħra u jagħtuha spinta 'l quddiem.

Dejjem inħobb infakkar lil dak li jkun biex bħala rigali lill-ġenerazzjonijiet iż-żgħar jagħti kotba minflok is-soltu rigali li jitgawdew għal ftit biex imbagħad jitwarrbu u jintesew. Il-ktieb huwa esperjenza konkreta li tħalli l-marka tagħha fuq dak li jkun. Illum l-opportunità li tixtri ktieb hija kbira: minn ħanut tal-kotba, minn fieri apposta, anki fieri ta' kotba użati, minn fuq l-internet.

Infakkar ukoll li r-regolamenti u l-applikazzjonijiet tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb ġew ippublikati u jagħlqu 31 ta' Mejju.

Kull min jixtieq jikteb lill-Editur jew jibgħat materjal relevanti - li m'għandux ikun twil ħafna—jista' juża dan il-kuntatt: **sammutpatrickj@gmail.com**

# L-AĦBARIJIET

## IL-FORUM MARE NOSTRUM

Nhar il-Ħamis, 11 t'April, fil-Lukanda Excelsior fil-Furjana, ġiet imtellgħa s-VII edizzjoni tal-Forum Mare Nostrum, bit-tema ewlenija "Discourse/Disorder", dwar ir-rakkonti ta' ġrajjiet rivoluzzjonarji u taqlib soċjali fil-Mediterran u l-Ewropa. Awturi magħrufa, akkademiċi u operaturi kulturali mill-Ewropa u l-Mediterran kienu fostna għal dan l-avveniment li jiġi organizzat kull sentejn mill-*European Writers' Council* (EWC). Parti importanti minn dan il-Forum kienet sessjoni li fiha r-rumanziera magħrufa Eġizzjani-Ingliża Ahdaf Soueif qrat mill-ktieb *Cairo:my City, our Revolution* u wara kien hemm diskussjoni mal-udjenza. Fost kelliema u preżentaturi oħra magħrufa pparteċipaw Kenza Sefrioui minn Franza-Marokk, Adel Bishtawi mill-Palestina-Ingilterra, Karsten Xuereb, Simone Inguanez, Clare Vassallo, Walid Nabhan, Albert Gatt u Marco Galea minn Malta, Cécile Oumhani minn Franza, Stephanos Stephanides minn Ċipru, u Haim Bresheeth, Yosefa Loshitzky, u r-rumanziera Suzanne Joinson mill-Ingilterra. Avveniment bħal dan sar Malta bis-saħħa tal-Akkademja tal-Malti u bil-għajnuna tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, l-EWC, l-Ambaxxata Franċiża ta' Malta, ir-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, il-British Council, Bloomsbury, Marsovin u l-Fondazzjoni tal-Konkatidral ta' San Ġwann.



Ir-rumanziera mill-Kajr, Ahdaf Soueif.

## IMUT PATRI MIKIEL FSADNI

Nhar il-Ħamis, 18 t'April, tħabbret il-mewt ta' Patri Mikiel Fsadni li flimkien mal-Professur Godfrey Wettinger kien skopra *Il-Kantilena*, l-eqdem kitba letterarja bil-Malti skoperta s'issa. Din il-kitba kienet instabet fit-22 ta' Settembru 1966 u hi poeżija tas-seklu ħmistax miktuba minn Pietru Caxaro, li fiha jiġi użat Malti bikri li kien għadu mhux influwenzat mill-Ingliż u mit-Taljan. Għalhekk *Il-Kantilena* hija eżempju uniku ta' Malti storiku. Il-funeral ta' Patri Fsadni sar nhar is-Sibt, 20 ta' April, fil-knisja tal-Patrijiet Dumnikani tar-Rabat, fejn kien ilu jgħix għal numru ta' snin.

## ID-DJALETTI FESTIVALS

Nhar it-Tlieta 23 t'April, fil-*Common Room* tal-Università ta' Malta, l-Imsida, ittellgħu id-Djaletti Festivals—Rakkonti bid-djalett, qari mil-letteratura Maltija u għanjiet Maltin 'Qawmien u Xenqiet' b'rikonoxximent lejn l-awturi u l-protagonisti tal-Moviment Qawmien Letterarju. Din kienet attività oħra b'risq l-ilsien Malti - VersAgħtini.

## IL-PREMJU DINJI TAL-POEŻIJA NOSSIDE 2013

Bħalissa huwa miftuħ sal-20 ta' Ġunju li ġej il-Premju Dinji tal-Poeżija Nosside 2013. Konkors bħal dan huwa miftuħ għal kull tip ta' ilsien u djalett, basta l-poeżiji parteċipanti jkunu miktubin jew tradotti f'waħda mill-ħames lingwi uffiċjali tal-konkors: it-Taljan, l-Ingliż, l-Ispanjol, il-Portugiż u l-Franċiż. Jieħdu sehem fih parteċipanti mill-ħames kontinenti u l-ewwel premju huwa ta' elfejn ewro, apparti premjijiet sbieħ oħra. Kull sena qed ikun hemm ukoll parteċipanti mill-gzejjer Maltin. Għal kull min hu interessat li jipparteċipa jista' jara s-sit www.nosside.org.

# L-AĦBARIJIET

**REĠGĦET ATTIVA L-BLOG TA' SERGIO GRECH**

Rajt bi pjaċir li l-blog ta' Sergio Grech reġgħet fis-seħħ. Kull min hu interessat li jżomm aġġornat f'dak li hu marbut mad-dinja tal-ktieb u tal-letteratura jista' jara s-sit www.ktieb.wordpress.com

**IMNIEDI L-KTIEB *VACANZE ROMANE***

Nhar il-Ġimgħa, 19 t'April, saret it-tnedija tal-ktieb ta' Dr. Emmanuel Attard Cassar, *Vacanze romane*. Il-preżentazzjoni saret mill-Għaqda Poeti Maltin u saret fiċ-Ċentru Komunità Franġiskana fil-Furjana. Is-serata tmexxiet mill-PRO tal-Għ.P.M., Miriam Ellul. Inqraw siltiet mill-ktieb filwaqt li wara l-awtur iffirma kopji tal-ktieb tiegħu. Il-mużika u l-kant kienu fdati f'idejn il-kantawtur Walter Micallef.

**IMNEDIJA ERBA' KOTBA OĦRA F'SITI U DATI DIFFERENTI**

Nhar il-Ġimgħa, 5 t'April, fil-Kumpless tal-Embassy fil-Belt, ġie mniedi l-ktieb *It-Tifel tal-Istitut* ta' David Azzopardi, ippubblikat minn Agius & Agius.

Nhar is-Sibt, 20 t'April, ġie mniedi fil-Lukanda Excelsior, il-ktieb *Għetiebi Mikula,* antoloġija li tesponi l-kitbiet - poeżiji u novelli - ta' għadd ta' awturi emerġenti. Il-ktieb hu ko-editjat minn Joseph Sultana u Kit Azzopardi. Hija antoloġija ddedikata lill-memorja ta' Dun René Cilia u għandha l-għan li d-dħul imur għall-karità.

Il-Ġimgħa, 26 t'April, ġie mniedi l-ktieb ta' Immanuel Mifsud, *Penelopi Tistenna*, ippubblikat mill-Klabb Kotba Maltin. It-tnedija saret fil-bini tal-Kunsill Lokali tal-Imdina.

Is-Sibt, 27 t'April, tnieda r-rumanz ġdid ta' Dr. Alfred Sant, *George Bush f'Malta*, ippubblikat mis-Sensiela Kotba Soċjalisti. L-avveniment seħħ fiċ-Ċentru Laburista, fil-Blata l-Bajda.

**SENTEJN MILL-MEWT TA' FRANS SAMMUT**

L-4 ta' Mejju jaħbat it-tieni anniversarju mill-mewt tal-kittieb u studjuż minn Ħaż-Żebbuġ, Frans Sammut. Sammut kien fost il-fundaturi żgħażagħ tal-Moviment Qawmien Letteraju fis-snin 60. Jibqa' mfakkar, fost oħrajn, għall-imħabba li kellu lejn l-Ilsien Malti u lejn il-figura ta' Mikiel Anton Vassalli. Fost ix-xogħlijiet ewlenin tiegħu ta' min wieħed ifakkar ir-rumanzi *Il-Gaġġa* (1971), *Samuraj* (1975), u *Il-Ħolma Maltija* (1994). Sammut ippubblika wkoll novelli, drammi u kitbiet ta' natura storika, lingwistika u politika, kritika letterarja u riċerka oħra.




**IMFAKKAR FRANCESCO VELLA (1793-1868)**

Nhar il-Ġimgħa, 12 t'April, fiċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Kottonera, Fortini, ġie mfakkar Francesco Vella, studjuż ewlieni tal-grammatika, lessikografu, filosofu tal-edukazzjoni u kittieb ta' stejjer b'morali għat-tfal. Dan sar permezz ta' taħdita bl-isem ta' "An unsung protagonist of Maltese language development" mill-Prof. Arnold Cassola. Francesco Vella hu meqjus bħala intellettwali tal-istess kalibru ta' Mikiel Anton Vassalli u Ġan Anton Vassallo.

# L-INTERVISTA Amerigo Iannacone

**"Il-poeżija ġejja direttament mill-qalb"**

***Amerigo Iannacone twieled f'Venafro fis-17 ta' Mejju tal-1950. Huwa kittieb, poeta u Esperantista. Huwa direttur tar-rivista letterarja li toħroġ kull xahar "Il Foglio Volante—La Flugfolio" li beda joħroġ fl-1986. Rebaħ darbtejn il-Premio della Presidenza del Consiglio għall-Kritika Letterarja. Ittraduċa bosta xogħlijiet mill-Franċiż għat-Taljan u mit-Taljan għall-Esperanto. Is-sit tiegħu hu www.amerigoiannacone.wordpress.com***

**1. Int illum għandek wara spallejk karriera twila fil-qasam letterarju msejsa fuq għadd kbir ta' pubblikazzjonijiet ta' natura differenti. Liema fost ix-xogħlijiet kollha tiegħek huwa dak li tippreferi? Għaliex?**



Mhux faċli nwieġeb: f'kull ktieb li ktibt hemm jiena, kull ktieb huwa biċċa minn ħajti. Nista' ngħid iżda li qalbi marbuta l-iktar max-xogħlijiet tal-poeżija. Jekk nista' nsemmi titlu, nagħżel *L'ombra del carrubo* (*Id-dell tal-ħarruba*), poemett iddedikat lit-tifkira ta' missieri. Fost ix-xogħlijiet tal-proża nħossni marbut ħafna ma' *A zonzo nel tempo che fu* (*Nimxi bla direzzjoni partikolari fiż-żmien li kien*), ktieb tal-2002 li ġie stampat mill-ġdid bosta drabi. Hija kitba f'għamla ta' rakkont li terġa' tagħti l-ħajja lil avvenimenti tas-snin ħamsin/sittin tas-seklu li għadda fiċ-ċentru żgħir fejn ngħix. Xi drabi nħaddem l-ironija, drabi oħra l-kommozzjoni u drabi oħra nħares lejn id-dinja mil-lenti ta' min ma jagħtix kas tal-problemi.

**2. Inti impenjat anki fil-qasam kulturali. Tagħti ħafna spazju lil bosta kittieba oħrajn, inklużi dawk emerġenti. Xi tgħid dwar dan? Kemm joħodlok ħin dan?**

L'attività ta' – ħa ngħid hekk – "operatur kulturali" hija ħaġa li tagħmilha fuq kollox minħabba l-passjoni u l-imħabba li għandek għall-poeżija, għall-kultura, għall-arti. Qed nirreferi għall-preżentazzjoni ta' kotba, kitba ta' prefazzjonijiet, organizzazzjoni ta' avvenimenti kulturali, u l-bqija. Apparti dan, daqs għoxrin sena ilu bdejt nieħu ħsieb il-qasam tal-pubblikazzjoni f'rabta ma' Edizioni Eva: editjar, impaġinar, qari tal-provi, imma fuq kollox nieħu ħsieb ir-relazzjoni mal-kittieba. Ngħid ukoll li ddedikajt ħafna ħin liż-żgħażagħ, filwaqt li permezz ta' dan sirt aktar sinjur u rċevejt bosta sodisfazzjon. Hija attività li tokkupa l-parti l-kbira tal-ħin tiegħi, iktar u iktar minn ftit iktar minn sena 'l hawn meta ħriġt bil-pensjoni. Imma hija attività li tagħtini gost kbir.

**3. Fuq liema proġett letterarju personali qed taħdem fil-preżent? Kieku kellek tagħżel bejn poeżija u narrattiva liema tagħżel? Għaliex?**

Irrid ngħid li fil-kompjuter tiegħi għandi *folder* jismu "Lavori in corso" (Xogħol fis-seħħ), li fih hemm mill-inqas daqs tużżana titli. Probabilment xi wħud minnhom ma jaraw qatt id-dawl jew jitwieldu oħrajn li s'issa ma ħsibtx dwarhom. Wieħed mix-xogħlijiet huwa antoloġija-rassenja tal-poeti tar-reġjun li fih ngħix jiena (il-Molise).

Kieku kelli nagħżel bejn poeżija u narrattiva kont nagħżel il-poeżija u ma nafx għaliex. Forsi għax il-poeżija ġejja iktar direttament mill-qalb b'inqas tfixkil ċerebrali u kulturali. Imma fil-kitba, iktar milli nagħżel meta niddedika ruħi għall-poeżija u meta għan-narrattiva, donnu huma jagħżlu lili.

# FUQ IL-LETTERATURA LGBTQ **Carmel Scicluna**

Il-letteratura LGBTQ tirreferi għal kitba fuq lesbjani, gejs, bisesswali, transġeneru u *queers*. M'għandix għalfejn ngħid li naqbel ma' dan it-tip ta' kitba għax jien stess kont wieħed minn tal-bidu li ktibt letteratura popolari fuq dawn in-nies – qed nirreferi għal *Għal Imħabba ta' Lesbjana (1997)* - u għajruni fil-gazzetti 'pervers', 'bit-tendenzi moħbijin', 'nipprietka mod u nikteb ieħor', u Alla waħdu jaf x'iktar. Sa anki kont sfurzat sa ftit jiem qabel mort nippubblika dal-ktieb biex inneħħi l-istejjer li jdarrsu lil din is-soċjetà tagħna politikament korretta, u nikteb fuq quddiem nota apoloġetika biex inserraħ moħħ l-istituzzjonijiet li jien ma ridt noffendi 'l ħadd. Dak iż-żmien kont għadni żagħżugħ u baxxejt rasi għan-nota - imma b'xorti kbira m'għamilt ebda awtoċensura fuq l-istejjer … u ma jisgħobbinix. Jisgħobbini biss għan-nuqqasijiet tekniċi li kien fih il-ktieb li llum il-ġurnata nqisu bħala *juvenilia.*

Li ma naqbilx huwa mal-fatt li din it-tip ta' letteratura qed tiġi ttimbrata, u hawn min saħansitra qed jippretendi li fil-ħwienet tal-kotba jkun hawn xkafef għalihom.

It-timbri huma dejjem ħżiena. Ma naqbilx, lanqas, per eżempju, ma' dik li hi ttimbrata bħala letteratura femminista. Għax il-mistoqsija tqum weħidha: għaliex ma teżistix letteratura maskilista? Għaliex il-letteratura femminista hi tajba u l-maskilista le?

It-timbru Letteratura LGBTQ , fil-fehma tiegħi, hu redikolu. Jipprova jiġbor ħafna tipi ta' sesswalitajiet differenti ta' nies fil-periferija tas-soċjetà u jħalli barra qabda oħrajn.

Ma ninsewx li f'kull soċjetà jeżisti numru numeruż ta' pedofli bi profil psikoloġiku wieħed mhux bħall-ieħor. Kontra l-fehma popolari żbaljata u ppreġudikata, dawn mhux kollha jabbużaw … imma dan diskors ieħor. Hemm il-gruppi mistoħbijin taħt l-art tal-ebefli. Ma nistgħux neskludu lill-efebefli, lit-trikofiliċi, lill-fetiċisti u nista' nibqa' sejjer. L-eterosesswali tas-soċjetà ''normali'' tagħna qajla jafu li jeżistu dal-kategoriji, aħseb u ara kemm jafu minn xiex jgħaddu dawn it-talin. Liema awturi Maltin qed joħorġu għonqhom biex jinxteħtu r-rifletturi ta' letteratura serja oriġinali li ma tibżax tieħu *X-ray* ta' ruħ dawn in-nies moħbijin litteralment taħt l-art b'ħafna tikketti, preġudizzji u xnigħat imdendlin fuqhom?

Ħadt gost nixtri *Għaraq Xort'Oħra* fuq dal-ġeneru. Il-ktieb huwa editjat minn Clare Azzopardi, magħrufa aħjar għall-kotba tal-aħjar kwalità għat-tfal, u Albert Gatt. Ix-xogħlijiet ta' Suzana Tratnik u Brane Mozetic huma maqlubin għall-Malti minn numru ta' awturi lokali li isimhom mhux ġdid. Nifirħilhom ta' ħidmithom minn qalbi. U jalla li jkomplu jidħlu b'ruħhom u ġisimhom għall-proġetti bħal dawn.

Hemm bżonn letteratura oriġinali wkoll fuq nies li ħajjithom huma bħal tal-massa f'ħafna aspetti imma s-sesswalità tagħhom hi b'tali mod li toħolqilhom kunflitti u ansjetajiet.

Mhux hekk biss. Min għandu sesswalità differenti minn tal-massa u jikkultiva d-don tal-kitba letterarja serja għandu jikteb b'kuraġġ fuq ħajtu u fuq is-sesswalità differenti tiegħu forsi dil-fissazzjoni bil-korrettezza politika titneħħa, u l-għanqbut u t-tabus ta' missirijietna fuq kull ħaġa li tmiss mas-sess ma tibqax tintiret, tiġi eradikata minn moħħ kulħadd darba għal dejjem.

Il-letteratura serja għandha dejjem tkun fuq il-bnedmin. Mhemmx letteratura fuq il-fetiċista jew il-gej.

# KTIEB MILL-QRIB Patrick Sammut

***IL-BARUNI TA' ĦAL QORMI*** **(Pubblikazzjoni BDL, 2010) ta' KARMENU MALLIA**

Lil Karmenu Mallia nafu l-iktar bħala poeta li jikteb bil-Malti u b'ilsna oħra bħalma huma l-Franċiż u l-Esperanto, traduttur, u fuq kollox Esperantista attiv.

*Il-Baruni ta' Ħal Qormi* huwa l-ewwel rumanz storiku minn triloġija li ġġib l-isem ta' *Patrijotti u Ġakbini*, ippubblikata mill-BDL fl-2012. Temporalment huwa ambjentat f'Ħal Qormi tas-snin 40 tas-seklu 18 (1743), is-seklu tar-Rivoluzzjoni Franċiża u tal-Illuminiżmu. Hu rumanz li jirrakkonta mhux biss it-tiġrib individwali tal-personaġġi, imma anki t-tiġrib kollettiv, mela ta' raħal sħiħ. Għalhekk Mallia jinkludi wkoll leħen il-kollettività permezz ta' għajdut. Insibu referenzi għas-superstizzjoni tal-popolin li titwieled f'ambjenti fejn mhemmx skola. Huwa wkoll żmien meta l-qlajjiet kienu jsiru fuq kollox anki għall-mogħdija taż-żmien.




Bħal kull rumanz storiku tajjeb, Mallia jibni r-rakkont tiegħu fuq fatti storiċi fuq naħa, u oħrajn mistħajla fuq l-oħra. Mela *Il-Baruni ta' Ħal Qormi* mhux nieqes minn tagħrif ta' natura storika 'l hawn u 'l hinn. L-istil imħaddem huwa mexxej ħafna, anki permezz tad-djalogar ħaj. Hemm ukoll partijiet djalogati li jirriflettu l-għajdut tal-popolin. Huma bosta l-waqtiet li jnisslu tbissima fil-qarrej.

L-ilsien li juża Mallia jinsab bejn id-djalogar sempliċi u l-għarfien eċċellenti tal-idjoma Maltija. Hemm ukoll l-użu tad-djalett mill-Kinu, sid il-ħanut tax-xorb. Interessanti huma anki l-bosta frażijiet li Mallia jinkludi bil-Latin, bil-Grieg, bil-Franċiż u bit-Taljan (rifless ta' Mallia bħala poliglotta). Anki dan jirrifletti b'xi mod jew ieħor is-seklu 18. Ma ninsewx li żmien il-Kavallieri kien wieħed fejn Malta kienet ċentru ta' bosta familji nobbli mill-Ewropa kollha. Xi drabi tidħol ukoll diretta l-vuċi tan-narratur onnixxenti fejn l-awtur bħal joħloq kuntatt dirett bejnu u bejn il-qarrej.

Mallia jintroduċi numru sabiħ ta' personaġġi differenti u interessanti - marbutin ma' klassijiet soċjali differenti, inklużi l-ilsiera -, u dan biex ir-ritmu tan-narrazzjoni ma jbattix imma jibqa' dejjem frisk u mexxej. Dik li jikteb dwarha Mallia hi soċjetà multinazzjonali u multikulturali – kavallieri, ilsiera Torok, Lhud - li ssib il-benniena tagħha fuq din il-gżira ċkejkna.

F'*Il-Baruni ta' Ħal Qormi* nsibu wkoll bosta waqtiet ta' riflessjoni dwar aspetti bħalma huma l-mewt u l-firda u l-uġigħ li ġġib magħha. Inħoss li sentenza importanti li naqraw fir-rumanz ta' Mallia hija din: "...il-bniedem li ma jistudjax jibqa' lura. Hawn wisq x'titgħallem, u qatt ma tkun tgħallimt biżżejjed." Rumanz bħal dak ta' Mallia jistaqsi wkoll min hu verament il-bniedem?: rikkezzi, unuri, titli, kożmetika, jew bniedem tad-demm u l-laħam kif ġie fid-dinja?

Nispiċċa bil-kliem li bih Karmenu Mallia jtemm ir-rumanz tiegħu: "*Pax et Bonum*". Hu kliem li jixraq tassew lil xogħol bħal dan proprju għax ġeneralment mhux rumanz ta' ġlied, mibegħda u tixrid ta' demm, imma rakkont fejn jaħkmu l-ftehim, l-armonija u s-sentimenti pożittivi, bi tmiem hieni.

# IL-POEŻIJI

**TIBJID**

Meta t-temp jaqbad jaħseb
irrid li nkun għaddejt passata żebgħa
bir-*roller* fuq qalbi
biex meta tiġi x-xita
ma tinfidlix
il-maltemp ma jilħaqnix

Meta t-temp jibda jaħseb
irrid li nkun naddaft il-katusi,
min-naqal tal-imgħoddi
biex meta tiġi x-xita
ma ssoddlix
widnejja mill-ħsejjes ta' barra t-tieqa

Meta t-temp jibda jaħseb
inġib il-qattus f'ħoġri
u f'ħoġor it-tieqa
mmellislu rasu.
Dakinhar ninku l-maltemp
li ma jistax jaqbadna.

**AMANDA BUSUTTIL**

**FI NŻUL IX-XEMX**

Bil-qajla
ix-xemx kienet nieżla.
B'nirienha
kien għoddu ħa n-nar kullimkien
'mma r-riħ
qam f'daqqa
u qanqal il-baħar mill-qiegħ
u għollieh
'il fuq mas-smewwiet,
u xerred ir-raxx mal-ħolqien,
u trażżnu n-nirien
bla ma laħaq qabad imkien.

**JOSEPH C. SCIBERRAS**

**LA VITA**

La vita è una piramide
la durata
dipende dal quadrante.
L'altezza
assomiglia al grado
del successo ottenuto
durante la stessa vita.

**MARIO ATTARD**

**AND THEN...**

Games, dreams, flight,
all those were just a lost world
of songs of the earth
and hugs of the infinite.
When I should want to be alive
I was and I was not
the boldness and the cowardice.
I wanted the haven and slavery
of a defiled soul
of love and hate.
I sought the cactus thorns
in dainty orchids...
And then...
all was crushed down
to reality.

**NADIA-CELLA POP**
***Rumanija***

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***IT-TIFEL TAL-ISTITUT* ta' David Azzopardi, Agius & Agius, 2013.**

Dan hu rakkont ta' mitt paġna fejn l-awtur jiġbor l-esperjenzi ta' meta daħal Aspirant ta' 11-il sena, u ssieħeb ma' grupp ta' tfal li xtaqu jsiru patrijiet mas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl. David Azzopardi jammetti li sa minn tfulitu kien iħobb josserva u jitgħallem. Is-seba' snin li għadda f'San Ġużepp bħala Aspirant tawh l-opportunità jsegwi grupp ta' tfal jitrabbew. F'dan ir-rakkont ifakkar erba' fratelli li kienu jieħdu ħsiebhom. Għalkemm l-ismijiet u l-ġrajjiet kif jiġu rrakkuntati huma fittizzji, l-ispirtu u n-nostalġija ta' dak iż-żmien sabiħ huwa kollu mnaqqax u maħżuż f'qalb il-kittieb li jaqsam mal-qarrejja din l-avventura.




***IL-VILLAĠĠ TA' SERPENTINU* ta' Christabel Attard, Faraxa Publications, 2013.**

Dan hu ktieb li jieħu l-għamla ta' poeżija b'rimi mmirati għal tfal ta' bejn it-8 u l-10 snin. L-istorja tibda minn meta Adam u Eva telqu mill-Ġnien tal-Eden u ħallew lis-serp waħdu. Il-personaġġ ewlieni hu s-serp ċkejken, Serpentinu. Huwa determinat li jagħti l-ħajja lill-ġnien u jibdlu f'villaġġ. Għalhekk joħloq bosta riklami ladarba biex jgħaqqad lill-komunità hemm bżonn ta' xogħlijiet differenti. Bosta annimali jinġibdu mill-pubbliċità ta' Serpentinu, u kollha joffru xogħlijiet siewja għas-soċjetà. Imma Serpentinu bħal jgħib... Ir-rakkont fil-ktieb iqajjem bosta mistoqsijiet biex b'hekk joħloq sens ta' ħsieb kritiku fil-qarrejja ċkejknin.




***BARNEY L-ISPIŻJAR* ta' Carmel Scicluna, 2012**

Dan hu rumanz ta' 355 paġna. Huwa xogħol satiriku u soċjo-politiku fejn l-awtur jiffoka fuq it-tensjoni u l-vojt ġewwiena li toħloq soċjetà post-moderna bħal dik li qed ngħixu fiha llum. Kif jikteb Dr Paul Buhagiar fid-daħla kritika: "Scicluna jerġa' jesplora... kif il-bniedem bosta drabi huwa skjav ta' ġismu jew kif l-ispirtu li l-awtur jemmen fih jinsab maqful f'ġisem li għandu ġibdiet li xejn ma jidhru spiritwali f'għajnejh... L-awtur isib is-soluzzjoni fit-talb, fil-fidi kif suppost qegħdin jgħixuha ta' qabilna u għalhekk fih hemm ir-ritorn lej il-kristjaneżmu primittiv." *Barney l-Ispiżjar* hu rumanz qawwi li jista' anki jdarras lil xi wħud f'ċerti waqtiet, anki għax għandu messaġġ x'jgħaddi: dak li nqumu minn raqda u naffrontaw ir-realtà li tista' tinbidel fi ħmar il-lejl jekk nibqgħu sejrin kif sejrin.